Ghaziz Joseph,

Wara li int ghaddejtli talba meta inti tlabt ir-rizenja tieghi minn Deputat Mexxej tal-Partit Laburista ghall-Affarijiet tal-Parlament, u dan wara li llum inzammet laqgha bejni u bejnek fil-Kwartieri tal-Partit Laburista l-Hamrun ftit tal-hin wara nofsinhar fil-prezenza ta' Dr. Toni Abela – Deputat Mexxejghall-Affarijiet tal-Partit, jiena ghalkemm ma naqbilx lis-suggett illi ddiskutejna kellu jwassal ghar-rizenja tieghi, inhoss fic-cirkostanzi li ladarba l-fiducja tieghi fil-konfront tieghek spiccat, allura jkun ahjar fl-interess tal-Partit Laburista li jiena nirrizenja minn din il-kariga.

Il-materja li wasslet ghat-talba tieghek biex jien nirrizenja kienet dwar id-diskors tieghi tal-Hadd li ghadda 16 ta' Dicembru 2012 fir-Rabat, Malta. Meta jiena ghamilt refertenza ghad-dibattitu li sar fuq Xarabank il-gurnata ta' qabel bejni u bejn Dr. SimonBusuttil il-Vici Kap tal-Partit Nazzjonalista dwar sentenza tal-Qorti tal-Appell, il-Pulizija vs Pierre Bartolo deciza fit-13 ta'Ottubru 2012 mill-Imhallef Onor. Michael Mallia LLD meta dawwar il-liberazzjoni tal-kuntrattur Pierre Bartolo u sabu hati li fl-elezzjoni general ital-2008 huwa ikkommetta corrupt practice fuq impjegata meta saret pressjoni biex ma tivvutax lill-PartitLaburista inkella t-Tnejn ta' wara l-elezzjoni ma tidholx lura ghax-xoghol jekk jitla' l-Partit Laburista.

Fid-diskors tieghi ghedt ukoll illi l-Magistrat li qatghet il-kawza fl-ewwel istanza min qabel, apparti li kienet zbaljata skont il-Ligi ma messiex qatghet il-kawza hi, ghaliex din setghet kellha konflitt serju ta' interess politiku peress li missierha kien ufficjaltal-Partit Nazzjonalista. Jiena la semmejt isem il-Magistrat u lanqas semmejt isem missierha imma ghedt li l-Partit Laburista jekk jinghata l-fiducja ghandu jinkludi fir-riforma li kull persuna fejn tigi nominata gudikant ghandha tiddikjara l-interess politiku familjari biex f'kazijiet ta' natura politika ma jkunux f'kunflitt biex b'hekk kemm il-Ligi u kemm il-gustizzja tkun qed issehh b'mod trasparenti.

Wara d-diskors tieghi tal-Hadd li ntlaqa tajjeb hafna minn dawk prezenti inkluz minnek li frahtli fil-prezenza tal-familja tieghi, l-ghada deher artiklu front page fit-Times of Malta meta din zvelat kemm l-isem tal-Magistrat kif ukoll l-isem ta'missierha li t-Times ikkonfermat il-bqija tal-istorja.

Aktar tard filghodu waqt li jiena kont mal-familja tieghi fi btala qasira li int kont taf biha gewwa Sqallija, inti cempitli dwar dan il-kaz u jiena tajtek kull hsieb dwar xi risposti li kellek taghmel lill-istess gurnal.

Finalment int bqajt tinsisti li dan kien kaz gravi li saret referenza ghall-Magistrat u allura thoss li ghandi nirrizenja fuq hekk.

B'diqa kbira u wara li kkonsultajt ma' marti u binti, wara li inti tlabt ir-rizenja tieghi bil-miktub, jien qed nissottometti r-rizenjatieghi minn Deputat Mexxej ghall-Affarijiet tal-Parlament u peress li inti tidher li int ma fhimt xejn minn dak li ridt nghid jghin fid-diskors tieghi tal-Hadd dwar dritt hieles ta' kull votantf'Malta f'elezzjoni generali u dwar li m'ghandu jkun hemml-ebda dell ta' dubju li gudikant ikun min ikun jista' jkollu kunflitt ta' interess fi kwalunkwe kawza

specjalment f'dawk ta' corrupt practices, inhoss li m'ghandix ghalfejn allura issa jkun ukoll kandidat ghall-elezzjoni generali li jmiss , fic-cirkostanzi.

Niddikjara li jiena dejjem kont, ghext, hdimt u se nibqa'membru denju, onest li batejt imma emmint fil-kawza tal-haddiem fi hdan il-Partit Laburista. J'Alla inti tifhem ahjar dak li tkellimna llum fil-laqgha li wasslet ghat-talba tar-rizenja tieghi.

Onor. Anglu Farruiga LL.D. M.P.